# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

---

**IT-TIENI SENA** **STORJA** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

---

Isem: ________________________________ Klassi: ________________

## TAQSIMA 1 - STUDJU DWAR L-ISTORJA

**1. Liema minn dawn huma kopji ta' sorsi primarji jew kopji ta' sorsi sekondarji?**






| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.1 Manuskritt Medjevali | 1.2 Il-Granmastru La Valette | 1.3 Il-ħaġra ta' Majmuna | 1.4 Armatura tal-ħadid ta' Kavallier fil-Palazz |





| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.5 Bolla tal-Forti Sant'Anġlu | 1.6 Munita tal-flus Aragoniża | 1.7 Tpinġija ta' xini Biżantin tas-seklu 11 | 1.8 Pittura (c. 1500) ta' Kristoforu Kolombu |

(8 x 1 = 8)

1.9 Għaliex sors primarju jista' jkun iżjed importanti għall-istoriku minn sors sekondarju?

_______________________________________________________________ (2)

**(Total = 10 marki)**

2. **Qiegħed dawn il-ġrajjiet mill-istorja medjevali ta' l-Ewropa skond kif seħħew wara xulxin. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | |
|---|---|
| In-Normanni rebħu l-Ingilterra. | |
| Il-Vikingi niżlu bix-xwieni tagħhom mill-Iskandinavja. | |
| L-Imperu Ruman tal-Punent waqa' f'idejn il-Barbari. | **1** |
| Kolombu qasam l-Oċean Atlantiku u skopra d-Dinja l-Ġdida. | |
| Il-Kruċjati tkeċċew għal kollox mill-Art Imqaddsa. | |
| Ir-Rinaxximent beda fl-Italja fis-seklu 14. | |

(5 x 1 = 5)

**(Total għal Taqsima 1 = 15-il marka)**

## TAQSIMA 2 - STUDJU DWAR L-ISFOND ĠENERALI TA' L-EWROPA

3. **Ħares sewwa lejn dan is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**




Mappa li turi l-vjaġġ ta' Kristoforu Kolombu.

3.1 F'liema sena seħħ dan il-vjaġġ? Agħmel sing taħt it-tajba. (1292, 1392, 1492, 1592). (1)

3.2 Min kien l-esploratur li organizza dan il-vjaġġ? ______________________ (1)

3.3 Mil-liema pajjiż telaq bix-xwieni? ______________________ (1)

3.4 Min kien għenu billi tah ix-xwieni u l-baħrin? ______________________ (1)

3.5 Minn dak li tgħallimt dwar it-tbaħħir fi żmien il-Medjuevu, semmi żewġ diffikultajiet li seta' ltaqa' magħhom l-ekwipaġġ matul dan il-vjaġġ.

______________________________________________ (2)

______________________________________________ (2)

3.6 X'effett kellu dan il-vjaġġ fuq l-istorja ta' l-Ewropa fis-snin ta' wara?

______________________________________________ (2)

(Total = 10 marki)

**4. Agħmel sing fit-tieni kolonna taħt it-tweġiba t-tajba.**

| | | |
|---|---|---|
| 4.1 | In-Normanni kienu dixxendenti (jiġu mill-) | *Gladjaturi, Barbari, Berbri, Vikingi.* |
| 4.2 | Fis-sena 911 W.K. n-Normanni marru jgħixu fin-Normandija | *fl-Ingilterra, fl-Italja, fl-Iskandinavja, fi Franza* |
| 4.3 | Id-Duka Guljiermu tan-Normandija rebaħ l-Ingilterra fl- | *960, 1066, 1091, 1160 W.K.* |
| 4.4 | Fin-Normandija, in-Normanni saru Insara u tgħallmu jitkellmu | *bl-Ingliż, bil-Latin, bil-Ġermaniż, bil-Franċiż.* |
| 4.5 | Is-sistema fewdali kienet tintuża fi żmien | *ir-Rumani, il-Barbari, il-Medjuevu, ir-Rinaxximent.* |
| 4.6 | Taħt is-sistema fewdali l-aktar nies li kienu jgawdu kienu | *l-bdiewa, n-nobbli, n-negozjanti, s-suldati.* |
| 4.7 | L-Imperu Aragoniż kellu l-belt kapitali | *f'Palermu, f'Anġu, f'Barċellona, f'Napli.* |
| 4.8 | L-akbar għedewwa ta' l-Aragoniżi fil-Mediterran kienu | *n-Normanni, l-Kruċjati, l-Biżantini, l-Anġuvini.* |
| 4.9 | 'Qawmien mill-gdid' hi t-tifsira tal-kelma | *progress, rivoluzzjoni, invenzjoni, rinaxximent.* |
| 4.10 | Esploratur li vvjaġġa mill-Ewropa lejn l-Asja kien | *Johan Guttenburg, Kristoforu Kolombu, Leonardo da Vinci, Marco Polo.* |

(10 x 1 = 10 marki)

**(Total għal Taqsima 2 = 20 marka)**

## TAQSIMA 3 - STUDJU ĠENERALI DWAR IT-TMEXXIJA TA' MALTA FIL-MEDJUEVU

**5. Qiegħed dawn il-ġrajjiet mill-istorja Medjevali ta' Malta skond kif seħħew wara xulxin. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | |
|---|---|
| Il-Konti Ruġġieru I ħabat għall-gżejjer Maltin. | |
| L-Għarab rebħu l-gżejjer Maltin mingħand il-Biżantini. | **1** |
| Federiku II sar Sultan ta' Sqallija u Imperatur tal-Ġermanja. | |
| Fonzu V ta l-gżejjer Maltin bħala fewdu lil Gonsalvo Monroy. | |
| L-Aragoniżi rebħu l-gżejjer Maltin min idejn l-Anġuvini. | |
| Ir-Re Ruġġieru II waqqaf tmexxija Normanna fil-gżejjer Maltin. | |

(Total = 5 x 1 = 5 marki)

6. **Ħares sewwa lejn dan is-sors li juri parti mir-riżultat taċ-ċensiment li kien għamel f'Malta l-Abbati Ġilbertu fl-1241. Wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

| | Għadd ta' familji f'Malta u Għawdex | | |
|---|---|---|---|
| | Insara | Misilmin | Lhud |
| Malta | 47 | 681 | 28 |
| Għawdex | 203 | 155 | 8 |
| Total | 250 | 836 | 36 |

6.1 X'ikun ċensiment? ______________________________ (1)

6.2 Dan iċ-ċensiment kien sar b'ordni tar-re ta' (*Aragona, Sqallija, Franza*). (1)

6.3 Skond ir-riżultat taċ-ċensiment jidher li fl-1241 f'Malta kien hawn tliet kategoriji ta' nies. Dawn kienu maqsumin hekk:

| | | |
|---|---|---|
| | | |

(3)

6.4 Liema minn dawn il-kategoriji ta' nies kienu tkeċċew minn Sqallija u minn Malta:

(i) ftit snin biss wara li kien sar iċ-ċensiment: ______________________ (1)

(ii) fl-1492: ______________________ (1)

6.5 Agħti raġuni għaliex kienet tkeċċiet WAĦDA minn dawn il-kategoriji ta' nies.

______________________________________________ (2)

6.6 Waħda mir-raġunijiet li għaliha kien sar dan iċ-ċensiment kienet sabiex is-sultan ikun jaf kemm kellu jiġbor taxxi minn fuq il-gżejjer Maltin. Ikteb **veru** jew **falz** fil-vojt: ______________ (1)

(Total = 10 marki)

**(Total għal Taqsima 3 = 15-il marka)**

## TAQSIMA 4 - STUDJU ĠENERALI DWAR IL-ĦAJJA MALTIJA FIL-MEDJUEVU

7. **Aqra u ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**



'Fi żmien il-Medjuevu s-Slaten ta' Sqallija ftit li xejn kienu juru interess li jħarsu l-gżejjer Maltin mill-ħbit tal-furbani. Għalhekk, biex iħarsu arthom kontra l-ħbit mill-furbani, il-Maltin kellhom iwaqqfu d-dejma. Din is-sistema ta' difiża jidher li kienet tajba għaliex meta ġew il-kavallieri ta' San Ġwann fl-1530 ma neħħewhiex, komplew isaħħu d-difiża billi bnew torrijiet ta' l-għassa madwar il-gżejjer.'

7.1 Id-dejma kienet twaqqfet fi żmien (in-Normanni, l-Anġuvini, l-Aragoniżi, l-Kavallieri). (1)

7.2 Għaliex il-Maltin waqqfu d-dejma? ______________________________________

______________________________________________________________ (2)

7.3 Min kellu d-dmir jissieħeb fid-dejma?

______________________________________________________________ (2)

7.4 Fejn kienet issir l-għassa kontra l-għadu? ______________________________

______________________________________________________________ (2)

7.5 X'kienu jagħmlu l-għassiesa tad-dejma meta jilmħu l-għadu riesaq lejn il-gżejjer?

______________________________________________________________ (2)

7.6 X'kienu jagħmlu l-bdiewa u n-nies ta' l-irħula meta kienu jsiru jafu li ġej l-għadu?

______________________________________________________________ (2)

7.7 X'seta' jiġrilhom dawk il-Maltin u l-Għawdxin li ma jagħtux kas ta' din it-twissija?

______________________________________________________________ (2)

7.8 Semmi ġrajja jew leġġenda marbuta mal-ħbit tal-furbani fuq il-gżejjer Maltin?

______________________________________________________________ (2)

**(Total għal Taqsima 4 = 15-il marka)**

## TAQSIMA 5 - STUDJU DETTALJAT DWAR L-ORDNI TA' SAN ĠWANN

8.1 Qiegħed dawn il-postijiet wara xulxin skond kif marru fihom il-Kavallieri ta' San Ġwann. Ibda min-numru 1 għal dak li taħseb għandu jkun l-ewwel post. Niżżel in-numri minn 1 sa 4 fil-kaxxi l-griżi.

| Ċipru | | Malta | | Rodi | | Il-Palestina | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

(4 x 1 = 4)

8.2 Għid fil-qosor x'sehem kellhom dawn il-persunaġġi fl-istorja ta' l-Ordni ta' San Ġwann:

| | | |
|---|---|---|
| a | Fra Ġerardu | |
| b | Fra Rajmondu de Puis | |
| c | Sulejman I | |
| d | l-Imperatur Karlu V | |

(4 x 2 = 8)

8.3 Is-suldati Nsara li kienu jiġġieldu fl-Art Imqaddsa fil-Medjuevu kienu jissejħu

________________ għax kienu jilbsu tunika bajda b'salib aħmar fuq sidirhom. (1)

8.4 Semmi effett tajjeb u ieħor ħażin li kellhom dawn il-gwerer bejn l-Insara u l-Misilmin fl-istorja tal-ġnus ta' l-Ewropa u tal-Mediterran.

(i) effett tajjeb: ______________________________ (1)

(ii) effett ħażin: ______________________________ (1)

8.5 L-Assedju l-Kbir kien beda fix-xahar ta' ____________ 1565 u spiċċa bir-rebħa tal-Kavallieri u l-Maltin kontra t-Torok fix-xahar ta' ______________ ta' l-istess sena. (3)

8.6 Il-qofol tal-ġlied f'dan l-Assedju kien sar madwar żewġt ibliet li kienu mdawrin bis-swar. Għid liema kienu. ______________________ ______________________ (2)

**(Total għal Taqsima 5 = 20 marka)**

## TAQSIMA 6 - TAĦRIĠ DWAR KITBA FIT-TUL FUQ TEMA PARTIKULARI

**9. Ikteb fit-tul dwar wieħed minn dawn it-temi.**

9.1 Il-fewdaliżmu kienet sistema fewdali fejn kulħadd kellu postu fis-soċjetà mit-twelid sal-mewt. Fisser kif kienet taħdem din is-sistema soċjali fl-Ewropa u f'Malta.

9.2 Fisser kif u għaliex is-seklu 15 kien żmien ta' qawmien ġdid fl-Ewropa tal-Punent fl-arti, fl-arkitettura, f'invenzjonijiet u fis-sejbien ta' toroq ġodda lejn il-Lvant u l-Punent.

9.3 Bejn l-1530 u l-1565 il-Kavallieri ta' San Ġwann għamlu bosta tibdiliet fit-tmexxija, fil-livell ta' għajxien u fid-difiża tal-gżejjer Maltin. Iddiskuti dawn it-tibdiliet.

**(Total għal Taqsima 6 = 15-il marka)**